**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**13 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 65/2021**

**Clinton Spiteri**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Clinton Spiteri** ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' applikazzjoni intavolata mal-Awtorita intimata numru GLA1/2020/1306, l-appellant talab "Request to the Lands Authority for the Disposal of Government Property in Terms of Article 31(a) or 31(b) of Chapter 573 of the Laws of Malta" u dan fir-rigward tal-art sitwata fi Triq il-Fata, Żabbar, Malta.*

*Illi permezz ta' deċiżjoni, datata sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u kkomunikata lill-appellanti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-Awtorita appellata ċaħdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

> *Decision Refused*
>
> *Please be informed that the Authority has reviewed the application on the 01/06/2021 and the decision was to refuse your request for the following reason:*
>
> *The type of location is being reserved for open air or low-key activities compatible with the location characteristics.* ***(Dokument A)****:*

*Illi l-appellant iħossu ferm aggravat b'din id-deċiżjoni u qiegħed umilment jinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *Illi deċiżjoni tal-Awtorita appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess deċiżjoni tmur kontra il-Liġi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord ġudizzjarju, jew Kważi Ġudizjarju, għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess deċiżjoni hija difettuża fil-proċedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha, oltre il-fatt illi ttieħdet fil-magħluq [1] u mhux f' seduta pubblika [2].*
2. *Illi l-istess deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista' twassal lill-appellant sabiex jifhem kif u a bażi ta' liema policies u prinċipji l-istess deċiżjoni ittieħdet.*
3. *Illi bir-rispett dovut, il-mod u l-manjiera nel quale ġiet deċiża din l-istess applikazzjoni huwa bil-wisq inġust versu d-drittijiet tal-applikanti għall-konsiderazzjoni xierqa ta' dawn l-applikazzjonijiet u dan hekk kif il-mod li ġiet deċiża din l-istess applikazzjoni, tirrispekkja bil-wisq proċedura raffrettata u sommarja, mingħajr l-ebda deliberazzjoni u raġunijiet – li di certo m'għandux ikun il-każ – u dan iżjed u iżjed hekk kif l-ebda raġuni sostunata w artikolata skont il-Liġijiet viġenti ma ġiet provduta.*
4. *Illi oltre dan, id-deċiżjoni ta' l-istess Awtorita hija daqstant ieħor nulla u bla effett stante li hija bil-wisq inġusta fil-konfront ta' l-appellant u dan hekk kif l-istess appellant kif ukoll il-predeċessuri u l-aventi kawża tiegħu kienu diġa' qegħdin jużaw u jokkupaw din l-art, liema okkupazzjoni tirrisali għal iżjed minn tletin sena ilu. U huwa propju għalhekk illi, l-istess appellant qiegħed hawn jiċċita l-preskrizzjoni trentennali a suo favore.*
5. *Illi jingħad ukoll illi din l-okkupazzjoni u l-pussess ta' din l-art da parti tal-appellant u l-aventi kawża tiegħu kienet waħda kontinwa, mhux miksura, paċifika, pubblika u mhux ekwivoka. Dan iżjed u iżjed meta kemm l-istess appellant kif ukoll l-istess aventi kawża tiegħu kienu ilhom reġistrati mal-awtoritajiet lokali versu s-servizzi installati fuq l-istess art, għal-liema servizzi l-istess appellant kif ukoll l-aventi kawża tiegħu dejjem ħallsu.*
6. *Illi in addizzjoni mal-aggravji ċitati, din id-deċiżjoni ta' l-istess Awtorita hija wkoll nulla u bla effett stante li hija diskriminatorja fil-konfront ta' l-appellant u dan hekk kif l-appellata Awtorita' tinsab di fatti f'diskussjonijiet ma' terzi sabiex tikkonċedi din l-istess art u/jew parti minnha kif ukoll art verament viċin għal dik in kwestjoni, b'dan illi tali konċessjoni lil terzi ma tirrispettax il-location characterisitcs tal-post, u għalhekk l-istess Awtorita' qiegħda tikkontraddixxi lilha nnifisha, u dan hekk kif ser jiġi ben pruvat fis-smigħ ta' din il-kawża.*
7. *Illi f' kull każ, l-art hekk kif mitlub in konċessjoni mill-appellanti ma ser tiġi użata għall-ebda skop lil hinn mil-location characterisitics, hekk kif l-istess appellanti għandhom kull intenzjoni illi jżommu u jħaddnu wkoll il-karatteristika tal-open air space.*
8. *Illi dan qiegħed jingħad iżjed u iżjed minħabba l-fatt illi l-appellant diġa' juża din l-art għal skopijiet agrikoli, ż-żamma tal-annimali u tal-għodda/inġinji varji meħtieġa għaż-żamma tal-art, kif hu flimkien mal-predeċessuri tiegħu ilhom jagħmlu għal iżjed minn tletin sena, b'dan illi din l-art kienet dejjem miżmuma sew w utilizzata in linea mal-location characterisitics.*

---

[1] Dan bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[2] Vide Italian Image Co. Limited vs. Tourist Services Limited 280/2006 Appell Inferjuri 20 ta' Frar 2008; Ara ukoll Smith vs. Ministeru tal-Finanzi Appell Inferjuri 23 ta' April 2010

9. *Illi l-applikazzjoni tal-appellant hija konformi mal-Liġijiet u Policies viġenti u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni valida 'l għaliex din l-applikazzjoni tiġi rifjutata, iżjed u iżjed meta l-istess Awtorita' intimata, lanqas biss tagħmel referenza a bażi ta' liema policies u liġijiet qiegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha.*

*Illi għalhekk u in vista tas-suesposti aggravji, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha ġia mressqa quddiem l-appellata Awtorita', u b'riserva għall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal iħoss opportun, ir-rikorrent bir-rispett jitlob illi dan it-Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' apppellata, datata sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u kkomunikata lill-appellanti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u dan filwaqt illi jilqa' l-aggravji ta' dan l-appell."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fis-26 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi l-appellant intavola applikazzjoni mal-esponenti bin-numru GLA1/2020/1306 fejn huwa talab 'for the release of the portion of land indicated in attached site plan by way of public tender'. L-Art mertu ta' din l-applikazzjoni hija sitwata fi Trejqet il-Fata, Żabbar u tinsab bejn is-Sur ta' San Alwiġi u s-Sur ta' San Ġakbu.*

*Illi l-Applikazzjoni hija tat-tip GLA1 u iġifieri 'Request to the Lands Authority for the Disposal of Government Property in Terms of Article 31(a) or 31 (b) of Chapter 573 of the Laws of Malta'.*

*Illi permezz ta' deċiżjoni datata is-17 ta' Ġunju 2021, l-esponenti informat lill-appellant illi hija kienet irrifjutat it-talba tiegħu minħabba li 'This type of location is being reserved for open air or low key activities compatible with the location characteristics'.*

*Illi l-appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u għalhekk ressaq dan l-umli appell b' għadd ta' aggravji, u fir-rigward ta' liema l-esponenti tissenjala is-segwenti;*

***<u>L-Ewwel Aggravju</u>***

*Illi permezz ta' dan l-ewwel aggravju, l-appelant isostni illi d-deċiżjoni tal-esponenti hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-liġi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord ġudizzjarju, jew Kważi ġudizzjarju għandu jsegwi. Dan filwaqt li jallega li d-deċiżjoni hija difettuża fil-proċedura u nieqsa mill-firma tal-Bord li iddeċidieha, ittieħdet fil-magħluq u mhux f' seduta pubblika.*

*Illi l-esponenti tissenjala illi hija l-Awtorita' regolatriċi fejn jidħlu kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' proprjeta' pubblika, u dan ai termini tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentement ifisser illi l-esponenti ma hijiex xi Bord ġudizzjarju jew kważi-ġudizjarju, u għaldaqstant lanqas ma hija marbuta li d-deċiżjonijiet tagħha jittieħdu f' seduti pubbliċi. Id-deċiżjoni ikkomunika lill-appellant kienet ukoll iffirmata minn uffiċjal tal-Awtorita' għan-nom tal-istess Awtorita' kif awtorizzat. F' dan ir-rigward issir referenza għal-Artiklu 2 tal-Kap. 563 fejn id-definizzjoni tal-'Awtorita' tinkludi lill dawk il-persuni li jaġixxu f' isimha. Dan huwa biżżejjed sabiex l-esponenti tassumi ir-responsabilta' tad-deċiżjoni u sabiex tali deċiżjoni titqies bħala valida skont il-liġi.*

*Illi l-appellant jirreferi ukoll għad-deċiżjonijiet fl-imsijiet* ***Italian Image Co. Limited vs Tourist Services Limited Rik 280/2006 deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-20 ta' Frar 2008*** *u* ***Smith vs Ministeru tal-Finanzi Rik 9/2010, deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-23 t' April 2020.*** *Dawn iżda kienu jikkonċernaw sitwazzjonijiet, , bordijiet u*

*saħansitra l-Qorti tal-Maġistrati; strutturi illi huma ta' natura differenti minn dik tal-esponenti, u saħansitra regolati b' kapitoli tal-liġi differenti mill-*Awtorità esponenti*. Illi għalhekk dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux iservu ta' paragun mal-każ odjern.*

*L-Appellant jgħid ukoll illi l-fatt li id-deċiżjoni ittieħdet fil-magħuq jikkostitwixxi ksur tal-artikoli 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan l-Onorabbli Bord ma huwiex mogħni b' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, xorta waħda jiġi senjalat illi għar-raġunijiet suesposti lanqas dan l-argument ma jista jreġi.*

***It-Tieni Aggravju***

*Illi permezz ta' dan l-Aggravju l-appellant isostni illi d-deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni.*

*Illi l-esponenti tissenjala li d-deċiżjoni ta' Awtorita' amministrattiva għandha tkun motivata biżżejjed sabiex persuna tkun tista tikkontesta dik l-istess deċiżjoni, u dan anke skont l-insenjamenti relattivi fir-rigward tat-duty to give reasons fil-kuntest ta' Awtoritajiet pubbliċi (u mhux ta' xi korp ġudizzjarju jew Kwai-ġudizzjarju fejn deċiżjoni trid tkun ferma aktar elaborata).*

*Illi d-deċiżjoni odjerna kienet waħda ċara u inekwivoka, mittieħda fil-parametri tal-obbligi imposti fuq l-esponenti sabiex tamministra l-art pubblika bl-aħjar mod possibli.*

*Illi fl-appell odjern jirriżulta kjarament li l-appellant fehem id-deċiżjoni, tant illi interpona appell ferm motivat u konsistenti minn għadd konsiderevoli ta' aggravji. Dan jikkonferma li d-deċiżjoni tal-esponenti kienet motivata kif mitlub mid-dettami tal-liġi u li l-istess appellant tpoġġa f' posizzjoni fejn jista' jikkontesta l-istess deċiżjoni.*

***It-Tielet Aggravju***

*Illi permezz ta' dan l-Aggravju, l-appellant isostni illi l-mod u manjiera li permezz tagħha ġiet deċiża din l-applikazzjoni huwa inġust versu d-dritt tal-applikant għall-konsiderazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet, u li l-mod li bih ġiet deċiża din l-applikazzjoni jirrispekkja proċedura raffrettata u sommarja mingħajr deliberazzjonijiet u raġunijiet.*

*Illi l-esponenti madankollu min issa tiddikjara li dan ma huwiex il-każ, u dan anke kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri. L-Applikazzjoni tal-appellant (bħall kull applikazzjoni oħra) ġiet fl-ewwel lok assenjata lill-case officer appożitu u liema prepara rapport dettaljat fuq is-sitwazzjoni tal-art u l-applikant. L-istess uffiċjal għamel il-kjarifiċi kollha meħtieġa. Il-proċess imbagħad għadda għand id-*disposals committee *sabiex tevalwa l-każ u fejn imbagħad ittieħdet id-deċiżjoni aħħarija. Dan il-proċess ċertament ma huwiex xi wieħed sommarju jew raffretat u bl-ebda mod ma nħolqot xi inġustizzja permezz ta' dan il-proċess. Proċess li huwa ugwali għall-kull applikazzjoni u talba li titressaq quddiem l-esponenti u proċess illi jikkunsidra l-fatturi relevanti kollha.*

*Illi kif ser jiġi pruvat ukoll, di fatti l-esponenti anke fil-każ odjern ħadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet kollha relevanti sabiex waslet għad-deċiżjoni odjerna, inkluż in-*natura *tas-sit u l-istat odjern tal-istess sit.*

***Ir-Raba u l-Ħames Aggravju***

*Illi dawn iż-żewġ aggravji qegħdin jiġu mwieġba fl-istess ħin, stante li huma intimament relatati flimkien.*

*Illi l-appellant jiċċita il-preskrizzjoni trentennali, isostni li l-okkupazzjoni u l-pussess tiegħu kienu kontinwa, mhux miksura, pubblika u mhux ekwivoka. Isostni wkoll li hemm servizzi installati fuq l-istess art u liema dejjem tħallsu.*

*Illi għalhekk jirriżulta li l-appellant qed jiċċitta l-preskrizzjoni akkwiżittiva ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu dan l-artiklu għandu jinqara fid-dawl tal-artikolu 2115 (partikolarment is-sub-artiklu 2) tal-istess kodiċi, u liema jistipula illi l-preskrizzjoni ma tistax tiddekorri fil-konfront tal-Gvern ta' Malta (għajr għall eċċezzjonijiet limitati, u liema ma jinkludux l-artiklu 2143).*

*Illi konsegwentement, u anke skont l-insenjament tal-Qrati tagħna u kif ukoll ta' dan l-Onorabbli Tribunal, il-preskrizzjoni akkwiżittiva ma tiddekorri qatt fil-konfront tal-Gvern ta' Malta. Din l- art fl-aħħar mill-aħħar hija tal-pubbliku Malti u Għawdxi kollu, u r-rikorrent qiegħed preżentament jikkonferma illi okkupa l-istess b'mod abbużiv a skapitu tal-pubbliku in ġenerali.*

*Illi oltre dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt li l-appellant talab sabiex din l-art tinħareġ by tender jikkonferma kif hu stess kien ben konxju illi m' għandu l-ebda jedd fuq is-sit in kwistjoni.*

***<u>Is-Sitt Aggravju</u>***

*Illi l-appellant isostni illi din id-deċiżjoni hija wkoll nulla u bla effett stante illi hija diskriminatorja.*

*Illi l-esponeneti tissenjala li fl-ewwel lok ġie ripetutament ikkonfermat kemm mill-Qrati u kif ukoll minn dan l-Onorabbli Tribunal li dan l-istess Onorabbli Tribunal m'għandux il-jedd jeżamina 'diskriminazzjoni' abbażi ta xi raġuni elenkata fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Konvenzjoni Ewropea. Madankollu it-Tribunal huwa fil-jedd li jeżamina jekk l-appellant ġiex trattat b' mod differenti minn persuni oħra li applikaw għall-'Disposal of Government Property'. Kwalunkwe eżami f' dan is-sens għandu jsir 'like with like', inkluż fit-tip tal-art, il-persuna, u fatturi oħra illi huma relevanti f' tali eżerċizzju.*

*Illi ċertament allegazzjoni ta' inkonsistenza f'deċiżjoni (jew saħansitra 'diskriminazzjoni') ma tistax issir fl-arja, bħall ma qiegħed jagħmel preżentament l-appellant għall xi sitwazzjoni illi tista' tirriżulta fil-futur. Dan jikkonferma ukoll kif ma hemm l-ebda inkonsistenza fil-mod ta' kif ġiet deċiża l-applikazzjoni tal-appellant.*

*Illi aktar minn hekk, jekk l-esponenti tiddeċiedi fil-futur li dan is-sit għandu jiġi trasferit skont artiklu 31(a) jew (b) tal-Kap. 573, l-appellant ser ikun f'posizzjoni ugwali għall-ħaddieħor sabiex jittenta jakkwista l-imsemmi sit u dan ikompli jikkonferma kif ma hemm l-ebda forma ta' inkonsistenza (jew 'diskriminazzjoni).*

***<u>Is-Seba' u Tmien Aggravju</u>***

*Illi dawn l-aggravji ser jiġu ukoll ikkonsidrati flimkien.*

*Illi l-appellant isostni li l-art kif mitluba ma hiex ser tiġi użata minnhu għall-ebda skop lil hinn mil-location characteristics u li hija l-intenzjoni tiegħu li jżomm u jħaddan l-karatteristika ta' open space. Isostni wkoll li huwa diġa qiegħed jagħmel użu mis-sit għal-skopijiet agrikoli, ż-żamma tal-annimali, għodda u Inġenji.*

*Illi l-esponenti tirrileva li fid-deċiżjoni tagħha hija issenjalat li dan is-sit qiegħed jiġi riservat għal-open air or low key activities u li jkunu kompattibli mal-karratteristiċi tas-sit. Sit, illi fl-aħħar mill-aħħar huwa wieħed storiku u li jinsab biswit żewġ t' iswar li jagħmlu parti mis-*

*swar tal-Kottonera. Fil-mori tal-vetting tal-applikazzjoni tal-appellant, l-Awtorita' kellha aċċess għall-numru ta' ritratti, u dan kif ser jiġi ukoll pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, liema juru u jidentifikaw l-istat preżenti tal-art. Stat illi żgur ma jagħmilx ġieħ għall-dawn is-swar storiċi u li ċertament stat li jidentifika kif kwalunkwe użu fuq dan is-sit imur lill-hinn mil-location characteristics.Dan kuntrarjament għall-dak li l-appellant isostni f' dawn l-aggravji. Għalldaqstant, dan ikompli jikkonferma kemm id-deċiżjoni tal-esponenti hija waħda raġjonevoli u meritata.*

***<u>Id-Disa' Aggravju</u>***

*L-Appellant isostni li l-applikazzjoni tiegħu hija konformi mal-liġijiet u policies viġenti u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni valida għar-rifjut.*

*Illi fil-każ odjern, l-esponenti ġiet mitluba sabiex tiddisponi minn sit pubbliku, proprjeta tal-poplu Malti u Għawdxi, u liema sit jinsab f' area storika u sensittiva. L-esponenti hija obbligata mill-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fis-sub artiklu 7 (2) (ċ) sabiex 'tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta ... u siti ta' importanza kultural, soċjali, jew storiċi'. Dan ifisser ukoll li l-esponeneti għandha tamministra din il-proprjeta bħala bonu pater familias.*

*Illi huwa fil-parametru ta' tali obbligu li l-esponenti iddeċidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant, u dan jirriżulta ċar mir-raġuni tar-rifjut. Raġuni illi tispeċifika li tali rifjut sar abbażi tal-fatt li dan is-sit qed jiġi riservat għal-attivitajiet kompattibli mal-istess, u li għalhekk m' għandux jinħareġ by tender/irkant u allura jiġi mibjugħ. Il-lok għal-tali trasferiment ma jikkostitwixix l-aħjar użu minn dan is-sit għar-raġunijiet su-elenkati.*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Illi is-suespost jikkonferma kif id-deċiżjoni ta' rifjut kienet raġjonevoli u skont il-liġi. Aktar minn hekk, kif anke diġa ġie ritenut minn dan l-Onorabbli Tribunal, ma hemm xejn irraġjonevoli li l-Awtorita esponenti tkun tal-fehema li l-aħjar mod li tieħu ħsieb il-proprjeta' pubblika jkun li din ma tiġi trasferita skont artiklu 31 (a) jew (b). Fil-każ odjern, l-esponenti tat raġuni ċara u inekwivoka sabiex tissustanzja il-bażi tad-deċiżjoni tagħha.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti, u dan bl-ispejjeż interament għall istess rikorrenti."*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu sabiex biċċa art sitwata fi Trejqet il-Fata, Żabbar li tinsab bejn is-Sur ta' San Alwiġi u s-Sur ta' San Ġakbu, toħroġ b'sejħa għall-offerti ġiet rifjutata u dan

peress li l-istess sit kien qiegħed jiġi riservat għal *"open air or low key activities compatible with the location characteristics."*

**Noel Gauci**, *Manager* fi ħdan l-Awtorita\` intimata, spjega illi r-rikorrent kien qiegħed jokkupa s-sit in kwistjoni illegalment u kien hemm fil-konfront tiegħu Ordnijiet ta' Infurzar da parti tal-Awtorita\` tal-Ippjanar peress li kien qiegħed juża l-istess sit bħala *dumping site*. Jispjega li pero\` r-rikorrent kien naddaf kollox u tneħħiet l-Ordni ta' Infurzar. Jispjega li għalkemm ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kumitat tad-Disposals kienet favorevoli li s-sit jingħata b'kera kummerċjali jew ċens temporanju, il-Kumitat iddeċieda li s-sit kellu jiġi riservat għal organizzazzjonijiet volontarji jew entitajiet oħra. Jispjega li wara li ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, daħlet applikazzjoni oħra ta' Sports Malta. Mistoqsi jekk kienx jaf ir-raġuni għalfejn ir-rikorrent ried dan is-sit, ix-xhud wieġeb li r-rikorrent ma indika l-ebda użu. In kontro-eżami wieġeb illi meta kienet qiegħda tiġi evalwata l-applikazzjoni ittieħed in kunsiderazzjoni li s-sit jinsab taħt sur. Jisjega li mir-ritratti esebiti mal-applikazzjoni ġiet osservata telqa, xi *huts* antiki u wkoll xi bini bil-ġebel tal-*bricks*. Jispjega li l-Awtorita\` intimata qatt ma tat il-kunsens tagħha għal kwalunkwe żvilupp li hemm fuq is-sit.

**Ir-rikorrent** xehed li hu u l-familja tiegħu dejjem użaw is-sit in kwistjoni għat-trobbija tal-annimali, għall-agrikoltura, u bħala post fejn jerfgħu makkinarju u vetturi relatati mal-biedja. Jispjega li għamel ukoll diversi spejjeż biex jirranġa ħitan tas-sejjieħ u riparazzjoni tal-*huts*. Jispjega li fuq is-sit hemm ukoll arloġġ tad-dawl u tal-ilma. Huwa jispjega li huma qatt m'okkupaw l-art bil-moħbi u kien dejjem moħħhom mistrieħ li l-proprjeta\` kienet tagħhom.

**Emanuel Spiteri,** missier ir-rikorrent, spjega illi huwa kien jokkupa s-sit flimkien ma' ħutu qabel beda jokkupaha ibnu. Spjega illi qabel daħlet il-familja tiegħu tokkupa l-art kien hemm il-Kumpanija C. Bajada and Sons Ltd tokkupaha pero\` dawn kienu telqu mis-sit ċirka ħamsin sena ilu.

**Carmel Camilleri,** *Chief Officer* fl-*Estate Management Directorate* tal-Awtorita\` intimata, spjega li meta ġew biex jevalwaw l-applikazzjoni odjerna osservaw li s-sit in kwistjoni kien magħluq bis-swar fuq tliet naħat. Xehed illi skont il-*local plans* tal-Awtorita\` tal-Ippjanar, is-sit in kwistjoni jaqa' fi *green area.* Jgħid li l-istrutturi u dak kollu li hemm fuq is-sit ma jistgħux isiru fi *green area,* u per di piu\` l-istrutturi nbnew mingħajr il-permess tal-Awtorita\` intimata. Mistoqsi x'tifhem l-Awtorita\` intimata b'*low key activities*, ix-xhud wieġeb attivitajiet bħal pereżempju jkun hemm xi NGO li trid torganizza xi attivita' u mhux ser tagħmel ħafna storbju u wara jnaddfu. Jispjega li l-għan prinċipali tal-Awtorita\` intimata huwa li jsir l-aħjar użu tal-art tal-Gvern u fl-opinjoni tiegħu dak li jirriżulta li hemm fuq is-sit mhuwiex kompatibbli mal-*area*.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrent jirriżulta illi huwa qiegħed jokkupa s-sit in kwistjoni, liema sit kien okkupat qablu minn missieru u familjari oħra tiegħu. Mill-*case officer's report* esebit a fol. 41 jirriżulta li s-sit kien ingħata lill-Kumpanija C. Bajada & Sons Ltd bħala akkomodazzjoni alternattiva wara li ġew żgumbrati mill-Marsa meta kien se jsir il-Marsa Dock Project. Madanakollu qatt ma kien iffirmat l-ebda ftehim ta' kirja.

Illi jirriżulta għalhekk li la r-rikorrent u lanqas il-familjari tiegħu qatt ma kienu rikonoxxuti mill-Awtorita` intimata jew mill-predeċessur tagħha fl-okkupazzjoni tagħhom tas-sit in kwistjoni. It-Tribunal josserva illi għalkemm ir-rikorrent jgħid li kellu moħħu mistrieħ li s-sit kien tagħhom, dan huwa kontradett mill-fatt biss li ppreżenta l-applikazzjoni odjerna sabiex l-istess sit jinħareġ b'sejħa għall-offerti.

Illi permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni hija nulla u bla effett stante li l-istess deċiżjoni tmur kontra il-Liġi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord ġudizzjarju, jew Kważi Ġudizjarju, għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess deċiżjoni hija difettuża fil-proċedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha, oltre l-fatt illi ttieħdet fil-magħluq u mhux f' seduta pubblika. Illi dan it-Tribunal jirrileva li dan l-aggravju ġie diversi drabi sollevat u deċiż fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal jissottolineja illi l-Awtorita` intimata la hi Bord ġudizzjarju u lanqas kważi ġudizzjarju, iżda hija l-Awtorita` regolatriċi fejn jidħlu kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' propjeta` pubblika. Kwindi, id-deċiżjonijiet tagħha dejjem iridu jkunu raġjonevoli u fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha, pero` mhix marbuta li d-deċiżjonijiet tagħha jittieħdu f'seduti pubbliċi kif jippretendi r-rikorrent. Illi lanqas ma hu mistħoqq l-aggravju tar-rikorrent illi d-deċiżjoni hija difettuża stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha. It-Tribunal josserva illi d-deċiżjoni kif kontenuta fl-ittra tas-17 ta' Ġunju 2021 iġġib il-firma ta' uffiċjal tal-Awtorita` għan-nom tal-Awtorita` intimata. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan huwa suffiċjenti biex l-Awtorita` intimata tassumi r-responsabbilita` ta' tali deċiżjoni. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jarax li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ.

Illi l-aggravji fil-mertu, in suċċint, huma s-segwenti:

1. id-deċiżjoni hija nieqsa minn motivazzjoni li twassal lir-rikorrent jifhem abbażi ta' liema *policies* u prinċipji ttieħdet;
2. id-deċiżjoni ttieħdet bl-għaġġla;

3. id-deċiżjoni hija nġusta għaliex ir-rikorrent u l-predeċessuri tiegħu ilhom jokkupawha għal żmien twil, u żgur iktar minn tletin sena u kwindi jiċċita l-preskrizzjoni trentennali;
4. id-deċiżjoni hija diskrimnatorja għaliex l-Awtorita` qiegħda f'diskussjonijiet ma' terzi għall-konċessjoni tal-istess art jew parti minnha;
5. is-sit in kwistjoni, jekk jiġi konċess favur tiegħu, se jżomm mal-*location characteristics.*

Illi t-Tribunal se jibda billi jissorvola l-aggravju tal-preskrizzjoni trentennali sollevata mir-rikorrent. Illi dan l-aggravju jirrażenta mill-fieragħ. Apparti li l-preskrizzjoni trentennali ma tista' qatt tiġi sollevata fir-rigward ta' beni tal-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 2115 (2) tal-Kodiċi Ċivili. Dan apparti l-fatt li r-rikorrent stess irrikonoxxa li mhuwiex sid tal-art tant li talab li l-istess art tinħareġ b'sejħa għall-offerti.

Illi fir-rigward tal-aggravju li l-Awtorita` intimata ddiskriminat mar-rikorrent, it-Tribunal jirrileva li dan l-aggravju jista' biss jiġi sindikat mill-qrati ordinarji abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` f'azzjoni appożita għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Dan hu konfortat minn artikolu 5 (2) tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jistipula illi *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili...".* Illi t-Tribunal jirrileva li fil-mori ġie ppruvat illi l-Awtorita` intimata għandha quddiemha applikazzjoni ta' Sports Malta għar-rigward tal-istess sit, liema applikazzjoni għadha pendenti. Illi, anke jekk għall-grazzja tal-argument, l-Awtorita` intimata tiddeċiedi li tikkonċedi s-sit lil Sports Malta dan ċertament ma jfissirx li qiegħda twettaq xi forma ta' diskriminazzjoni għaliex l-għanijiet u l-iskopijiet ta' Sports Malta u tar-rikorrent ma jistgħux jitpoġġew fuq l-istess miżien. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi aggravju ieħor imressaq mir-rikorrent huwa li d-deċiżjoni ttieħdet bl-għaġġla. Illi dan it-Tribunal jirriżultalu li l-applikazzjoni odjerna ħadet il-perkors normali tagħha, ġiet ikkunsidrata mill-*case officer* li għamel tfittxija rigward l-istorja tas-sit u wkoll għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kumitat tad-Disposals. Jirriżulta wkoll illi l-Kumitat għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu u dan kif jirriżulta minn fol. 42 tal-proċess li juri li l-Kumitat ra r-rakkomandazzjoni tal-*case officer*, ma qabilx mal-istess rakkomandazzjoni u ta direzzjoni sabiex *"any pending or new enforcement to be pursued."* Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan kollu juri li l-applikazzjoni ġiet skrutinata sew qabel ittieħdet id-deċiżjoni finali. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi aggravju ieħor imqajjem mir-rikorrent huwa li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni li biha r-rikorrent seta' jifhem ir-raġuni vera tar-rifjut. Illi filwaqt li kif xehed Carmel Camilleri ma hemmx *policies* tal-Awtorita` li setgħu jiġu mħaddma fil-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni in kwistjoni, huwa spjega abbażi ta' liema motivazzjonijiet ittieħdet id-deċiżjoni. Illi dak li xehed Carmel Camilleri huwa rifless fid-deċiżjoni appellata. Illi ċertament dak li hemm fuq is-sit ma jħarisx il-karatteristiċi tas-swar li huwa mdawwar bihom. Filwaqt li t-Tribunal iqis li huwa ħasra li l-Awtorita` u l-predeċessur tagħha ħallew stat ta' illeglita` fis-sit għal ammont kbir ta' snin, dan ma jfissirx illi allura l-Awtorita` intimata għandha tagħlaq għajnejha u tħalli dan l-istat ikompli jipperdura. Fil-fatt, kif ingħad qabel, id-direzzjoni li ta l-Kumitat hija li tittieħed l-azzjoni appożita biex is-sit jiġi ripristinat fl-istat naturali tiegħu. Illi mir-ritratti esebiti mal-applikazzjoni nnfisha dak li t-Tribunal seta' jirraviża huwa strutturi fi stat ħażin u materjal tal-kostruzzjoni li verament huwa "an eyesore" meta wieħed jara l-*backdrop* tas-swar.[3] Illi t-Tribunal josserva li ma nġabet ebda prova konkreta ta' dak allegat mir-rikorrent, u cioe` t-trobbija tal-annimali u l-koltivazzjoni tar-raba. Mill-*aerial photo* esebit a fol. 53 mill-istess rikorrent mal-applikazzjoni tiegħu huwa bilwisq evidenti li m'hu qed issir l-ebda koltivazzjoni ta' raba fuq is-sit u dan it-Tribunal seta' jirriskontrah f'iktar dettall meta kabbar l-istess *aerial photo* minn fuq il-*Google Maps*. Illi għalhekk it-Tribunal għandu suspett fondat li r-ritratt esebit mir-rikorrent a fol. 60 ma jirrispekkjax dak li fil-verita` hemm fuq is-sit in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-fatt li fuq is-sit jista' jkun hemm *meter* tad-dawl u ilma installat ma jagħti l-ebda drittijiet reali jew ta' xorta oħra lill-persuna li tkun qiegħda tagħmel użu mill-istess servizzi.

Illi fl-aħħarnett ir-rikorrent jissottometti illi l-attivita` li kien beħsiebu jwettaq minn fuq is-sit in kwistjoni kienet se tmur tajjeb mal-*location characteristics*. Illi t-Tribunal jirrileva illi fl-applikazzjoni tiegħu li ġiet esebita a fol. 44 ir-rikorrent ma elabora assolutament xejn dwar ir-rikjesta tiegħu u dan meta kellu spazju ampju fejn jagħmel dan. Fil-fatt fejn hemm *"Request in Detail"* kull ma niżżel kien is-segwenti *"Applicant is making a request to the Authority for the release of the portion of land indicated in attached site plan by way of public tender."* Illi għalhekk mhux ġust li l-applikant jgħid li l-Awtorita` messha kellmitu biex tara x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu meta huwa kellu kull opportunita` li jagħti kwalunkwe spjegazzjoni fl-applikazzjoni tiegħu. Illi dan it-Tribunal ma jagħtix tort lill-Awtorita` intimata li ħadet in kunsiderazzjoni l-istrutturi illegali li hemm fuq is-sit u kif dawn qegħdin ikerrhu l-ambjent storiku tal-madwar. Illi dak li hemm bħalissa fuq is-sit ċertament ma jistax jiġi kklassifikat bħala "low key activites" kif isostni r-rikorrent.

---

[3] Ara ritratt a fol. 49

Illi t-Tribunal wara li sema' r-raġunijiet għala l-Awtorita` rriservat dan is-sit u ma laqgħatx it-talba tar-rikorrent, hija tal-fehma illi l-Awtorita` qdiet id-doveri tagħha bid-diliġenza neċessarja li titlob minnha l-liġi li tirregolaha.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**